# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru. 513/2018 JG**
**Numru fuq il-Lista: 2**

**Carmel Micallef (ID 285459(M)) u Caroline Micallef (ID 718662(M))**

**Vs**

**Andrew Galea (ID 74077(M)) u Marlene Galea (ID 246777(M)) u b'digriet datat 11 ta' Diċembru 2018 ġiet kjamata in kawża s-soċjetá Power Plus Ltd (C68249)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 t'Ottubru 2018, permezz ta' liema, l-atturi talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' seba' mija u ħmistax il-Ewro (€715), rappreżentanti ħsara f'pannella fotovoltaika u spejjeż oħra relattivi kif aħjar deskritti fl-istess Avviż tat-Talba. Intalbu wkoll l-

ispejjeż tal-proċeduri odjerni u l-imgħax mid-data ta' preżentata ta' dawn il-proċeduri[1].

Ra r-rikors tal-konvenuti fejn talbu li tiġi kjamata in kawża s-soċjetá ta' Power Plus Ltd[2].

Ra r-risposta tal-konvenuti ppreżentata fil-11 ta' Diċembru 2018[3].

Ra l-verbal tal-11 ta' Diċembru 2018, fejn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut laqa' t-talba għal-kjamata in kawża[4].

Ra r-risposta tas-soċjetá kjamata in kawża ppreżentata fl-1 ta' Marzu 2019.[5]

Ra x-xhieda tas-Surgent 158 Gillian Henwood mogħtija quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut[6].

Ra x-xhieda tal-atturi magħmula fil-forma ta' affidavit, inkluż id-dokumenti hemm annessi[7].

Ra x-xhieda tal-atturi, in kontro-eżami, mogħtija quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut[8].

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 7 tal-proċess.
[3] A fol 8 *et seq.*
[4] A fol 11.
[5] A fol 14 tal-proċess.
[6] Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2019.
[7] Noti relattivi ppreżentati fil-21 ta' Mejju 2019.
[8] Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019.

Ra x-xhieda ta' Dominic Farrugia, Matthew Camilleri u ta' Frederick Philips mogħtija quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut[9].

Ra x-xhieda tal-konvenuti, magħmula bil-mezz t'affidavit[10].

Ra x-xhieda tad-direttur tas-soċjetá kjamata in kawża, magħmula bil-meżż t'affidavit[11].

Ra x-xhieda tal-konvenuti, ta' Matthew Camilleri u ta' Dominic Farrugia, kollha in kontro-eżami, mogħtija quddiem dan it-Tribunal kif preċedentement presedut[12].

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, l-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[13].

Sema' x-xhieda in kontro-eżami ta' Clayton Debono[14].

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[15].

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[9] Fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2019.
[10] Nota relattiva ppreżentata fil-21 ta' Novembru 2019.
[11] Nota relattiva ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2019.
[12] Seduta tal-10 ta' Marzu 2020.
[13] A fol 112 tal-proċess.
[14] Seduta tal-11 ta' Jannar 2021.
[15] Hekk kif ordnat fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 u li tinsab a fol 125 *et seq.*

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex x-xhieda ma ġietx kollha mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

**<u>Xhieda/Provi</u>**

Illi s-Surgent 158 Gillian Henwood xehdet fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2019. Essenzjalment hija ppreżentat rapport[16].

Illi Caroline Micallef xehdet permezz t'affidavit[17]. Tgħid li l-fond tagħha jmiss ma dak tal-konvenut. Tgħid li l-bjut imissu ma' xulxin iżda dak tal-konvenuti qiegħed madwar filata 'l fuq minn dak tal-bejt tagħhom. Tispjega li fit-3 ta' Lulju 2018 hija telgħet fuq il-bejt għal-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar. Sabet lill-konvenut u saqsietu għala l-pannelli tiegħu kienu daqstant fl-għoli għaliex skond hi ma kienx sejjer ikollu permess mill-awtoritajiet. Hemmhekk il-konvenut qalilha li kellha pannella miksura. Hija ma setgħetx tifhem kif għax skond hi sa ġurnata qabel ma kien hemm xejn ħażin. Il-konvenut qalilha li tal-Power Plus kienu qalulu li probabbilment dan sar għaliex kienu inħasslu fix-xemx. Minn hemm ħa ħsieb ir-raġel tagħha.

[16] A fol 23 tal-proċess.
[17] A fol 28 tal-proċess.

Illi Caroline Micallef xehdet ukoll in kontro-eżami[18]. Hija tgħid li meta telgħet fuq il-bejt u kellimha il-konvenut, hija ma rat xejn fil-pannelli għaliex ma tatx każ u ma ħarsitx lejhom.

Illi Carmel Micallef xehed ukoll permezz t'affidavit u eżebixxa numru ta' dokumenti. Jikkonferma li l-bjut huma ħdejn xulxin iżda tal-konvenuti huwa filati 'l fuq. Fit-3 ta' Lulju 2018 huwa tela' fuq il-bejt u ra ħaddiem jipprepara struttura tal-ħadid kbira u għolja sular sabiex jitwaħħlu l-pannelli. Il-ħaddiem qallu li dawn kienu sejrin isiru fil-baxx, għaliex l-attur beda jinkwieta lill-pannelli kienu sejrin jgħattu tiegħu. Wara xi ħin reġa tela' fuq il-bejt u ra li l-istruttura kienet intrabtet mal-appoġġ, hawnhekk inqatta l-kisi. Dak il-ħin tela' l-konvenut u qallu li kien sejjer jieħu ħsieb il-kisi hu, iżda l-attur qallu biex ma jinkwetax għax kienu affarijiet żgħar. Huwa telaq ix-xogħol u rċieva telefonata mill-mara tiegħu fejn infurmatu li kien hemm pannella mkissra. Jgħid li hu dejjem jaħsel il-pannelli fil-għodu u qatt ma jitla fuqhom. Meta wasal lura d-dar, malli tela' fuq il-bejt ra pannella mfarrka. Jgħid li din hija waħda viċin tal-bejt tal-konvenuti. Ġew eżebiti numru ta' ritratti. Jgħid lid-daqqa kienet tidher fiċ-ċentru tal-pannella. Jgħid li dakinhar tela' tlett darbiet fuq il-bejt iżda ma kienx ra l-pannella imkissra qabel. Jgħid ukoll li hemm *fence* bejn il-bejt tiegħu u tal-konvenuti u din, għalkemm dejjem kienet dritta, din id-darba kienet mgħawwġa lejn il-bejt tiegħu. Huwa tkellem mal-konvenut u dan innega li il-ħsara seħħet waqt ix-xogħolijiet iżda qallu li semmai għandu jkellem il-ħaddiema tiegħu. Qallu wkoll li kien sejjer jagħmel rapport mal-Awtoritá tal-Ippjanar minħabba l-għoli tal-pannelli. Minn hemm jgħid lill-konvenut ma tax aktar każ. Xi żmien wara l-konvenut qallu li kien hemm ħtieġa ta' rapport ai fini t'assikurazzjoni, ma kienx qiegħed jaċċetta t-tort iżda ried jieħu parir. Sar rapport, li wkoll ġie eżebit, iżda l-konvenut ma reġax kellmu. Imbagħad sar rapport mal-Pulizija u nfetħet din il-kawża. Ġew

[18] Dan jibda *a tergo* ta' fol 56.

eżebiti wkoll il-kont tat-tibdil tal-pannella, għaliex l-attur ġie infurmat li jekk ma tinbidilx, is-sistema kollha kienet tiġi affettwata.

Illi Carmel Micallef xehed ukoll in kontro-eżami[19]. Jgħid li miċ-ċint diviżorju u l-pannelli tiegħu hemm xi żewġ metri bogħod. Jikkonferma li hu ra l-pannella imkissra, forma ta' stilla, malli ħareġ mill-bieb tal-bejt. Ir-ritratti eżebiti ħadhom dakinhar. Ġew immarkati ritratti li juru d-dannu[20]. Ikkonferma li huwa ra d-dannu tmien metri l-bogħod, iżda lir-ritratti m'humiex ċari u d-dannu ma jidhirx fuqhom.

Illi xehed ukoll Dominic Farrugia, prodott mill-konvenuti[21]. Jgħid li hu jaħdem għal rasu u jagħmel xogħol ta' ħadid. Jgħid li f'Lulju 2018 kien ġie mqabbad minn Power Plus Limited sabiex jagħmel l-istruttura ta' pannelli mertu ta' dawn il-proċeduri. Din kellha saqajn għolja biex imbagħad jitwaħħlu l-pannelli fuqha. Dan sar hekk sabiex jieħdu x-xemx. Jgħid li mar darba sabiex ikejjel u darba oħra biex jagħmel l-installazzjoni. Kien waħdu. Wara li lesta ċempel lill-ħaddiema sabiex issir l-installazzjoni. Jgħid li qatt ma mar fuq il-bejt tal-atturi. Jgħid lill-attur kien kellmu u gerger dwar id-dell li kien sejjer ikun fuq il-pannelli tiegħu. Jgħid li l-attur dejjem kien miegħu. Huwa mar Għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu u lesta għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar. Ma kien hemm l-ebda diskussjoni dwar pannelli jew ħsara, lanqas fuq il-bejt. Qatt ma ġie mitkellem aktar.

Illi Dominic Farrugia xehed ukoll in kontro-eżami[22]. Jgħid li l-istruttura kienet magħmula minn ħadid *b'hollow sections.* Kienet għolja qisu tlett metri. Juża boldijiet u jkun diġa taqqab il-ħajt u fejn jinvita l-viti. Jgħid li minnu li l-appoġġ

[19] Dan jibda a fol 53 tal-proċess.
[20] A fol 42 u 43 tal-proċess.
[21] Din tibda a fol 60 tal-proċess.
[22] Dan jibda *a tergo* ta' fol 100 tal-proċess.

iċċaqlaq. Ma jiftakarx li kien hemm *fence*. Jgħid li waqqa' xejn fuq il-bejt tal-atturi, u li kieku għamel hekk kien ikollu jgħid lil wieħed mill-atturi sabiex jroddielu lura għaliex ma kienx ikun jista jaqbeż għaliha. Li kieku qabeż kien isibha diffiċli biex jitla. Jgħid li f'sitt snin xogħol qatt ma kellu dan it-tip ta' ilment.

Illi xehed ukoll Matthew Camilleri, prodott mill-konvenuti[23]. Jispjega li huwa ħaddiem mas-soċjetá kjamat in kawża u li jwaħħal pannelli. Jiftakar li dakinhar kien ma' Dominic u ma ċertu wieħed Alan. L-ewwel tlestiet l-istruttura u mbagħad mar hu jibda l-installazzjoni. Din saret f'darba. Jgħid li malli tela' fuq l-istruttura biex jibda, ra l-pannella mertu ta' dawn il-proċeduri u li kienet imkissra. Mill-baxx ma tidhirx. Dak il-ħin lill-attur ma raħx. Ċemplu lill-manager tagħhom biex jinfurmaħ, ċertu Frederick Philips u dan ġie fuq il-post u qalilhom biex jaħdmu għax żgur mhux huma. Qatt ma mar fuq il-bejt tal-attur. Ma waqqgħu xejn fuq dik il-pannella. Jgħid li l-attur ma marx fuqhu.

Illi in kontro-eżami[24] jgħid li x-xogħol sabiex jitressqu l-pannelli kien sar ferm wara. Lanqas hemmhekk ma waqa' xejn fuq il-bejt tal-atturi. Jgħid li kienu tnejn li nstallaw il-pannelli, hu u ċertu Alan. Illi l-istess xhud reġa' ġie mitlub jixhed in kontro-eżami[25]. Hawnhekk, jgħid li minn għalih li ġie l-manager fuq il-post. Jgħid li lill-konvenut infurmaħ mill-ewwel dwar il-pannella tal-atturi.

Illi xehed ukoll Frederick Philips, prodott mill-konvenuti[26]. Spjega li huwa kien operation manager mas-soċjetá kjamata in kawża waqt iż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri. Jgħid li ċempillu Matthew Camilleri biex jgħidlu lill-ġar kellu

---

[23] Din tibda a fol 67 tal-proċess.
[24] Dan jibda a fol 75 tal-proċess.
[25] Dan jibda a fol 99 tal-proċess.
[26] Din tibda a fol 77 tal-proċess.

pannella imkissra. Ċempel malli wasal fuq il-post. Ma marx fuq il-post u ma rax il-ħsara. In ri-eżami fl-istess seduta reġa kkonferma li huwa qatt ma tela' fuq il-bejt.

Illi l-konvenut Andrew Galea xehed permezz t'affidavit[27]. Spjega li huwa kien ingaġġa lis-soċjetá kjamata in kawża lejn Ġunju 2018, ġew jagħmlu spezzjoni tal-bejt u sar qbil li jsir ix-xogħol. Fit-3 ta' Lulju 2018 ġew il-ħaddiema filgħodu. Kien ġie spjegat li kellha ssir struttura, minħabba l-għoli tad-dar tal-atturi. Dan kellu jsir minn xi ħadt imqabbad minnhom. L-ewwel ġie Dominic Farrugia, imbagħad aktar tard ġew il-ħaddiema tas-soċjetá kjamata in kawża. Hu tela' Ma Farrugia u qgħad miegħu il-ħin kollu. Jgħid li bejn il-bjut hemm *chicken wire* li kien sar minn persuni li kienu jgħixu fid-dar qablu. Dan huwa għoli madwar metru. Waqt li Dominic kien qiegħed jagħmel ix-xogħol ma kien hemm problemi ta' xejn. Qatt ma mar fuq il-propjetá tal-atturi. L-attur kien mar fuq il-bejt ukoll f'dan il-ħin u kull ma qallu kienet rigwardanti konsentura maċ-ċint, meta kienet qiegħda tiġi installata l-istruttura. Ta' dan, l-konvenut kien lest li jirranġa l-ħsara. Jgħid lill-pannelli tal-atturi huma l-bogħod żewġ metri u nofs u hemm linji tal-inxir bejn il-pannelli tal-attur u ċ-ċint. Meta telgħu jaħdmu l-ħaddiema fuq l-istruttura, l-attur ma kienx hemm. Ma kienx hemm okkażżjoni fejn waqa' xi materjal jew oġġetti fuq il-bejt tal-atturi. Meta tlesta x-xogħol bdew jitkellmu fuq manutenzjoni u qaluli li pannella tidher bħal dik imkissra tal-ġar. Jgħid li lanqas tinduna li dik imkissra. Jgħid li wara dan, il-ħaddiema telqu u baqa fuq il-bejt inaddaf. Hawnhekk ġiet l-attriċi u spejgalha dak li qalulu l-ħaddiema u ċioé li għandhom pannella imkissra. Il-konverżazzjoni waqfet hemm u kienet kordjali. Fil-għaxija ġie l-attur u qallu lil li kienu l-ħaddiema tiegħu li kienu kisrulu l-pannella. Kien ċert (l-attur) li filgħodu ma kinitx imkissra. Imbagħad reġa rrepeta d-diskors ta' martu, l-attriċi, rigward il-fatt li dawn sar fl-għoli u għalhekk kienu

[27] Dok AG, jibda a fol 83 tal-proċess.

sejrin jgħattu l-pannelli tiegħu. Il-konvenut għamel kuntatt mas-soċjetá attriċi, u dawn ġew jagħmlu spezzjoni u ma setgħux jifhmu kif setgħet issir il-ħsara għaliex biex tinkiser pannella bħal dik, trid forza kbira. Hu nforma lill-attur, u wara dan irċieva ittra legali u din il-kawża. Ġew eżebiti ritratti.

Illi l-konvenut xehed ukoll in kontro-eżami[28]. Ikkonferma li l-maġġor parti tal-ħin, hu kien fuq il-bejt mal-ħaddiema. L-ewwel beda jaħdem Dominic Farrugia. Kien waħdu, u tqabbad mis-soċjetá kjamata in kawża. L-istruttura kienet għolja madwar tlett metri. Inġibed kantun waqt li din kienet qiegħda tissikka maċ-ċint, propju fejn arblu għawweġ il-*fence*. Ikkonferma li kien lest jirranġa l-konsentura. Dakinhar ma jiftakarx li kien ġie manager qabel ma weħlu l-pannelli, ġiet xi persuna wara. Ma kienx hemm problemi waqt l-installazzjoni. Reġa kkonferma dak li qal rigwardanti l-manutenzjoni tal-pannelli u li kien hawnhekk fejn qalulu dwar il-pannella tal-ġar, li jekk taraha minn ċertu angolu jidher li kellha xi ħsara. Jgħid li tkellem biss ma l-kumpannija assikuratriċi tiegħu.

Illi l-konvenuta Marlene Galea xehdet permezz t'affidavit[29]. Dan jikkonsisti f'linja waħda, fejn essenzjalment kkonfermat il-kontenut ta' żewġha.

Illi l-istess konvenuta xehdet ukoll in kontro-eżami[30]. Tgħid li hija ġeneralment ma kinitx fuq il-bejt.

Illi Clayton Debono, direttur tas-soċjetá kjamata in kawża xehed permezz t'affidavit[31]. Dan spjega li fis-sena 2018, il-kumpannija tiegħu ġiet inkarigata sabiex jiġu nstallati pannelli fuq il-bejt tal-konvenut. Huma użaw servizz ta' *lifter*

[28] Dan jibda a fol 95 tal-proċess.
[29] A fol 88.
[30] Dan jibda a fol 98 tal-proċess.
[31] A fol 91.

li jgħolli l-pannelli direttament fuq il-bejt tal-klijent u kull pannella tinħatt b'mod individwali. Din kienet il-proċedura li ġiet segwita, għalkemm hu ma kienx fil-post. Meta sar jaf li l-attur kien qiegħed jallega li nkisritlu pannella bix-xogħol, mar fuq il-post, u skond hu, hija mpossibbli li l-ħsara saret mill-ħaddiema tiegħu. Jgħid li hemm ċint għoli bejn il-bjut, u li kieku waqgħet xi ħaġa, din kienet tkun tidher fuq il-bejt tal-atturi, għaliex il-ħaddiem ma setgħux ineħħuha huma, propju minħabba ċ-ċint. Sakemm irċieva din il-kawża ma kien sema xejn aktar dwar dan.

Illi Clayton Debono xehed ukoll in kontro-eżami[32]. Jibda billi jispjega kif sar l-ewwel kuntatt mal-konvenuti. Spjega li kien mar s-Sur Farrugia jagħmel l-istruttura tal-ħadid. Ix-xogħol isir f'ġurnata waħda. Jgħid li sar jaf li kien hemm problema bil-pannella tal-attur dakinhar, qabel ma bdiet l-installazzjoni. F'dan il-ħin ġie avżat il-konvenut. Jgħid li l-*wire* huwa għoli xi erba' filati. Huwa ma marx fuq il-post. Ma jaħsibx li ġie mgħarrfa fil-għaxija. Jista' jagħti l-każ li reġgħu kellmuħ fil-għaxija iżda ma jiftakarx.

**<u>Mertu</u>**

Illi magħmul dan ir-riassunt, t-Tribunal iqis li l-artikoli rilevanti għal każ in deżamina huwa dawk emerġenti mill-artikoli 1031[33], 1032(1)[34] u 1037[35] tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa permezz ta' dawn li trid tinstab soluzzjoni għal-preżenti litiġju.

---

[32] Dan jibda a fol 117 tal-proċess.
[33] L-artikolu jgħid hekk: *Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*
[34] L-artikolu jgħid hekk: *Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*
[35] L-artikolu jgħid hekk: *Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi.*

Illi in vena ġurisprudenzjali jingħad li kull minn jagħmel użu minn dritt tiegħu għandu jutilizza l-istess fil-limiti ġusti[36]. Propjetarju, jista' jagħmel liberalment modifiki fil-fond tiegħu, basta ma jaggravax jew jiddanneġġja l-propjetà tal-ġar[37]. Ukoll, sid ta' propjetà jwieġeb għal ħsara hekk ikkawżat fil-propjetà tal-viċin[38]. Dan l-obbligu, f'każ li hekk jinstab, jagħti possibbilment lok għal-proċeduri mis-sid kontra t-terz[39]. Huwa minnu wkoll li Dominic Farrugia, ċioé l-persuna li ġiet inkarigata mis-soċjetá kjamata in kawża sabiex jinstalla l-istruttura tal-ħadid m'huwiex parteċipi f'dawn il-proċeduri. Iżda, li kieku kellu jinstab ness bejn dak li seħħ u x-xogħol tiegħu biss, allura xorta waħda jkollha twieġeb is-soċjetá kjamata in kawża[40].

---

[36] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel u Lucy konjugi Mifsud vs Victor Camilleri**, (App Ċiv Nru: 1918/1996/1, mogħtija finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Diċembru 2004, l-Ewwel Qorti, kienet ċċitat minn-sentenza preċedenti li qalet hekk: *"Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu".*

[37] Hija ripetutament iċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Bugeja vs Washington**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Mejju 1897, fejn din kienet enunċjat is-segwenti: *"Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino".*

[38] Fis-sentenza fl-ismijiet **Captur vs Borg,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1993 intqal *"kull min, b'xoghol konness ma kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni".*

[39] Fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour u Emanuela konjugi Brincat vs Salina Estates Limited u b'digriet tal-20 ta' Frar tas-sena 2001 Andrew Scicluna u Vica Limited kjamati in Kawza,** (App Ċiv Nru: 510/1999/1), mogħtija mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Frar 2004 intqal hekk: *"Hu, del resto, pacifiku, u dan minn zmien sekolari, illi "non puo un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi compotrebbe tutto al piu` un diritto si rivalsa" – "Borg –vs- Falzon" a Vol III pagna 16".*

[40] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Emanuel Caruana, (Ċit Nru: 534/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ottubru 2003, (mhux appellata) fejn ingħad hekk: "*Din il-Qorti, pero', mil-lat legali, ma taqbilx li ghax subkuntrattur (kif kien Polidano f'dan il-kaz) jammetti li hsara grat tort tieghu, il-kuntrattur hu liberat mir-responsabbilita' ghad-danni fil-konfront tas-sid. Ir-relazzjoni tas-sid hi biss mal-kuntrattur, u dan, fl-esekuzzjoni tal-kuntratt, iwieġeb anke ghan-nuqqasijiet tan-nies imqabbda minnu. Is-subkuntrattur m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-sid, u ddanni minhabba inadempjenza jridu jithallsu u jkunu dovuti mill-kuntrattur, anke jekk in-nuqqas ikun attribwibbli lis-sub-kuntrattur (ara "Frendo noe vs Abela noe et); deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ottubru, 1989). Hu biss jekk it-terz, li jikkaguna l-hsara, ma jkollu ebda relazzjoni mad-debitur tal-obbligazzjoni, li dak l-agir ma jkunx attribwibbli lid-debitur*

Illi mill-*iter* proċesswali jirriżulta lil dan it-Tribunal li seħħet difiża klassika f'dawn it-tip ta' kawżi. Fil-ħin li l-konvenuti ġew nġunti sabiex iwieġbu għal-istanza attriċi utilizzaw dawn l-istess proċeduri sabiex jippuntaw lejn allegati nuqqasijiet fl-operat tas-soċjetá kjamata in kawża. Dan għamluħ propju minħabba dak li jrid l-artikolu 1037 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[41].

Illi b'introduzzjoni wkoll, għandu jkun indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[42]. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[43]. Min-naħa l-oħra mbagħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju[44].

---

*inadempjenti; jekk dan it-terz, min-naha l-ohra, ikun gie ikkummissjonat mid-debitur biex jassistih fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, kull nuqqas ta' dak it-terz, jitqies nuqqas tal-kuntrattur kontraent (ara "Farrugia vs Attard noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April, 1998)".*

41 Hawnhekk pero, t-Tribunal jissenjala dak li ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Zammit bħala direttur f'isem u fl-interess ta' Springfield Company Limited vs Charles Polidano f'ismu proprju u f'isem u fl-interess ta' Polidano Bros. Co. Limited u Cement Mix Co. Limited**, (App Ċivili Nru: 1224/1991/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-31 ta' Jannar 2014 fejn intqal hekk: "*Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jehilsu mir-responsabbilita` billi jghidu li qabbdu persuna biex tiehu hsieb ix-xoghol, ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, is-socjeta` attrici sofriet danni (specjalment meta tower crane intrama ezatt malfaccata tal-lukanda tas-socjeta` attrici), isegwi li dik ilpersuna ma kienetx kompetenti f'xogholha, u ghallkonsegwenzi ta' din l-inkompetenza ghandhom ibatu wkoll is-sidien, is-socjetajiet konvenuti appellanti (ara Grech v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta'Marzu, 1988, u Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et., deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' gurisprudenza, inghad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilita` ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi")."*.

42 Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

43 *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

44 *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assocjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

Illi dwar dan l-aħħar punt, huwa minnu li l-valutazzjoni ekwitattiva m'hijiex tal-istess xorta ta' dik l-ekwitá kontemplata skond il-liġi speċjali li tirregola dan it-Tribunal, dan il-kejl kien possibbilment jiġi utilizzat ai fini ta' kwantifikazzjoni tad-danni[45]. Iżda dan m'huwiex il-każ tal-lum, għaliex kif sejjer jiġi issa spjegat, hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li l-atturi naqsu milli jippruva n-ness bejn l-aġir tal-konvenuti u tas-soċjetá kjamata in kawża u l-fatt dannuż[46].

Illi għandu jkun indiskuss li l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq il-ħtija akwiljana da parti tal-konvenuti (u f'dan il-każ, b'mod aktar wiesgħa, versu s-soċjetá kjamata in kawża). Għalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni bħal din irid jintwera l-ewwel u qabel kollox li nġarbet ħsara u li din kienet tort (li jista jkun

---

45 Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u tal-pregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghall-anqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

46 Waqt it-trattazzjoni orali da parti tal-konvenuti u tas-soċjetá kjamata in kawża, dan il-punt ġie ġustament enfasizzat.

wieħed kemm attiv kif ukoll passiv[47]) tal-konvenuti[48]. Din ir-rabta ta' kawżalita' bejn l-egħmil (jew l-omissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies t'azzjoni ta' dan it-tip[49].

Illi għalhekk qabel kollox irid jintwera li kien hemm ħsara. Issa fuq hekk, dan it-Tribunal iqis li forma ta' ħsara fil-fatt kien hemm. Huwa minnu li mir-ritratti eżebiti, liema ġew addirittura mmarkati mill-attur, ma jidher assolutament xejn. Huwa minnu wkoll li ġie eżebit rapport li jindika li din il-pannella kellha xi forma ta' ħsara[50]. Wara kollox, il-ħaddiema tas-soċjetá kjamata in kawża ukoll għarrfu li dik il-pannella kellha xi ħsara. Għalhekk, minn aspett oġġettiv irriżulta li dik il-pannella kellha xi ħaġa ħażina, u ġiet mibdula.

---

[47] Fl-opra tiegħu **<u>Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile</u>**, il-ġurist Francesco Ricci jgħid hekk: *La colpa ha un significato abbastanza esteso, e tale che non puó non comprendere la negliġenza e l'imprudenza eziandio; e difatti noi diciame che chi é negligente o imprudente é in colpa, dappoiché avrebbe dovuto usare maggiore diligenza, od essere un poco piú accorto ed avveduto.* Imbagħad fl-istess paragrafu jkompli jamplifika hekk: *Dunque la colpa, che genera resonsabilitá civile, non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far ció che avredi dovuto fare.* – UTET, 1923, III edizzjoni, Vol VII, para 85 a fol 113.

[48] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et</u>**, (Ċit Numru 886/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fejn intqal hekk: *"Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil iżda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali"*

[49] Wieħed huwa mistieden jara l-insjemant, kemm dak akkademiku, kif ukoll minħabba r-rakkolta ta' ġurisprudenza in materja, mogħti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Noel Pisani et vs Adam Bartolo</u>**, (Ċit Nru: 13/06) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 t'April 2016 (mhux appellata).

[50] Irid jingħad lit-Tribunal ingħata biss kopja fotostatika ta' dan ir-rapport, mingħajr kulur u ċertament ir-ritratti m'humiex ta' kwalità tajba.

Illi peró, dan il-fatt waħdu, naturalment, ma jfissirx li l-istanza attriċi b'hekk irnexxiet. Kif diġa ngħad, huwa n-ness ta' kawżalitá li jrid jiġi pruvat[51]. Dan, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, kellu jiġi pruvat mill-atturi, anki għaliex f'dan il-każ ma teżistix preżunzjoni legali li fil-fatt il-ħsara seħħet mill-konvenuti[52]. Għal dan it-Tribunal, din il-prova ma seħħitx u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi fl-ewwel lok, minn ħarsa tar-ritratti eżebiti, għandu jirriżulta ċar li l-pannelli tal-atturi m'humiex viċin taċ-ċint diviżorju kif jgħidu huma. Huwa ovvju li hemm distanza mhux daqstant żgħira. B'hekk li kieku sempliċement waqa' oġġett waqt l-installazzjoni tal-pannelli, dan, skond il-liġi tal-fiżika, kien jaqa' dritt u ma kienx jolqot din il-pannella. Sabiex jiġi pruvat dan ix-xenarju, kellu jintwera li xi ħadt tefa´u mhux waqqa' oġġett. Meta wieħed jikkunsidra li l-attur, qabel ma mar ix-xogħol, għamel ħin twil fuq il-bejt u ma ra xejn stramb, allura din il-verżjoni (li xi oġġett laqgħat din il-pannella) m'hijiex waħda kredibbli.

Illi fit-tieni lok, mir-ritratti eżebiti, u kif konfermat mix-xhieda, bejn il-bjut in kwistjoni ma hemmx sempliċi ċint, iżda addirittura *chicken wire* li huwa kemmxejn għoli. B'hekk dan l-oġġett li suppost laqgħat din il-pannella u kkawża ħsara kellu wkoll jissupera din l-istruttura diviżorja. Huwa minnu li l-istruttura tal-pannelli tal-konvenuti hija aktar l'fuq, iżda kif diġa intqal, sakemm ma ssirx prova li xi ħadt tefa' f'direzzjoni orizzontali, dak li jaqa' b'mod vertikali, jaqa'

[51] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Laferla vs Comm. Edward Palmier noe**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta` Dicembru 1967, liema sentenza hija ripetutament ċċitata b'approvazzjoni. F'dik is-sentenza intqal hekk: *"Illi n-ness ta` kawzalita` hu fic-centru tal-problema tar-responsabbilita` civili, minghajr il-htiega f` dan ir-rigward (mhux biss fid-dottrina moderna talobbligazzjonijiet imma anki fil-logika) ta` distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bhala kawza tad-dannu jridu ikun il-kawzageneratrici tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f` ness ta` kawzalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bazata domanda ghar-rizarciment."*

[52] It-Tribunal qiegħed hawn jagħmel referenza għal-artikolu 1041 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

dritt. Dan jingħad speċjalment meta, kif intwera kemm skond min għamel ir-rapport u kif ukoll Clayton Debono, l-ħsara kienet tirrikjedi daqqa ta' ċertu forza.

Illi fit-tielet lok, dan il-*fencing* jagħmilha ferm anqas kredibbli li xi ħaddiem qabeż fuq il-bejt tal-atturi u tela' lura. Apparti minn hekk, għalkemm saret referenza għal dan fit-trattazzjoni finali, il-fatt li dan il-*fence* huwa mgħawweġ f'post minnhom ma jindikax li xi ħadt ixxabbat mieġġu. Anzi, huwa aktar plawsibbli, kif anke sorrett mill-provi, li dak kien il-punt fejn intrabtet l-istruttura u allura inġibed ftit. Dan iwassal għar-raba' punt.

Illi fir-raba' lok, jingħad li ma ntwera b'ebda mod li nstab xi oġġett fuq il-bejt tal-atturi li allegatament kienet kawża ta' din il-ħsara. Ċertament, li kieku kien hekk l-attur (li kien dejjem fuq il-bejt filgħodu) u l-mara tiegħu (li telgħet tnaddaf wara li spiċċa x-xogħol) kienu jindunaw b'xi ħaġa estranja. Hawnhekk, issir referenza partikolarment għax-xhieda mogħtija mill-attur, fejn dan jikkonferma li meta wasal lura mix-xogħol, konxju issa li kien hemm xi ħaġa fil-pannella, kien kapaċi jilmaħ dan il-fatt malli fetaħ il-bieb tal-bejt. Jibqa sieket peró fuq jekk rax xi oġġett partikolari ħdejn il-pannella li setgħet twassal għal din il-ħsara. Min-naħa l-oħra, l-mara tiegħu ma rat xejn minn dan. Ukoll, ġie konfermat lill-ħaddiema raw dan id-difett peress li kienu fl-għoli. Hawnhekk, l-attur diffiċli jitwemmen, u jitfa' aktar dubbji fuq il-kredibbilitá tiegħu[53].

---

[53] Tinħass il-ħtieġa li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Audrey Murphy ġja Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia,** (Ċit Nru: 665/2006), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Ġunju 2015 (mhux appellata) fejn b'awtoritá, ntqal hekk: *"Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa ddmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet."*

Illi għalhekk, dan it-Tribunal m'huwiex sodisfatt u moralment konvint, lanqas bil-kriterju ekwitattiv hawn fuq epurat, li l-atturi rnexxilhom jippruvaw l-lanjanza tagħhom[54].

Illi peress lit-Tribunal qiegħed għalhekk isib li n-ness ta' kawżalitá ma ġiex ippruvat, ma hemm l-ebda lok għal riżarċiment ta' danni.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tas-soċjetá kjamata in kawża, jiċħad it-talbiet tal-atturi.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-atturi.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[54] Fl-opra tiegħu **<u>Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano</u>**, il-ġurist Giorgio Giorgi jgħid hekk: *La colpa invero é un quid iuris, sinché sta nei columi dei tattatisti al cospetto della scienza; ma la colpa é un quid facti, quando deve essere provata davanti al giudice, il quale non puó trovarla, se non nei fatti, che gli vengono dimostrati.* – FRATELLI CAMMELLI, 1903, VII edizzjoni, Vol II, fol 55. Huwa minnu li din id-definizzjoni hija utilizzata meta l-ġurist ikun qiegħed jiddiskuti il-kulpa kuntrattwali, iżda l-istess oneru huwa meħtieġ f'każijiet bħal dak odjern.